MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 695/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Capierre Contractors Ltd (C-23898)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u zewg liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm202.69), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati mill-konvenuti lill-proprjeta` ta' l-istess socjeta` in konnessjoni ma' bejgh ta' 47 PVC Pipes 10MM fit-30 t'Awissu, 2001 (GT666/8 Inv.9385) skond kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok.A.**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm202.69) bl-imghax legali mis-6 ta' Gunju, 2005, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------